**MALTA**

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-30 ta' Ġunju, 2021

Appell Inferjuri Numru 1/2021 LM

**Matthew Abela (K.I. numru 427363M)**
*('l-appellant')*

***vs*.**

**Victor Galea eżerċenti l-kummerċ bħala Tiles and Marble Centre u Matthew Mangion**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Matthew Abela (K.I. nru 427363M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fl-14 ta' Jannar, 2021, nru CCT/44/17/S [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'],

mit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda t-talba tiegħu fil-konfront ta' **Victor Galea eżerċenti l-kummerċ bħala Tiles and Marble Centre** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat Galea'] u **Matthew Mangion** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat Mangion'] kif ġej:

> *"i. Jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat Victor Galea jibdel dak il-materjal li jinkludu* "l-irham tal-pedata u tar-refgħa tal-aħħar tarġa, taqla' u tbiddel il-ġonta ta' ġot-tieni pjan billi flokha ssir irħama sħiħa" *kif suġġerit mill-perit Arkitett Richard Aquilina fil-konklużjonijiet tiegħu u dan sa xahar mil-llum;*
>
> *ii. Jiċħad it-talba tar-rikorrenti għal kumpens ta' €2,900.00;*
>
> *iii. Jordna lill-intimat Matthew Mangion iħallas lir-rikorrent l-ammont ta' tliet mitt Ewro (€300.00) stabbilit* ex aequo et bono *sabiex jinqalgħu il-partijiet indikati fil-konklużjonijiet tar-rapport tal-Perit Arkitett Richard Aquilina u li fil-fehma tal-espert imqabbad minn dan it-Tribunal, ma sarx skont l-arti u s-sengħa.*
>
> *It-Tribunal jordna li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mill-intimati fi kwoti indaqs bejneithom."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw il-bejgħ u l-kunsinna ta' rħam mill-appellat Galea lill-appellant sabiex jitqiegħed fuq taraġ mill-appellat Mangion fid-dar ta' residenza tal-appellant. Dan tal-aħħar allegatament sab diversi difetti fil-kwalità u fil-kwantità tal-irħam ikkonsenjat lilu, u anki ma kienx kuntent bit-tqegħid tiegħu.

**Mertu**

3. L-appellant għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fit-03 ta’ Marzu, 2017, permezz ta’ Avviż tat-Talba fejn talab għal rifużjoni tas-somma ta’ €2,900 rappreżentanti l-prezz ta’ rħam mixtri mingħand l-appellat Galea stante li (a) il-materjal ma kienx ta’ kwalità tajba u saħansitra ma kellux kulur uniformi, u rriżultaw diversi ħsarat u difetti; (b) il-materjal ma kienx ġie kkonsenjat kollu; (ċ) it-tqegħid mill-appellat Mangion kif mibgħut mill-appellat Galea ma sarx skont is-sengħa u l-art, u dan bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data meta kien sar il-pagament tal-prezz.

4. L-appellat Galea wieġeb fl-24 ta’ Marzu 2017 fejn eċċepixxa li (i) l-intimat ma kienx il-leġittimu kontradittur; (ii) l-intimat ma kienx jimpjega lill-appellat Mangion; (iii) il-materjal mibjugħ lill-appellant ma kienx milqut minn xi difett kif allegat; u dan bl-ispejjeż kontra l-appellant.

5. L-appellat Mangion ippreżenta t-tweġiba tiegħu fl-20 ta’ Novembru, 2019 fejn eċċepixxa li (i) it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) il-madum kien tqiegħed skont is-sengħa u l-arti; (iii) ma kienx tħallas ta’ xogħlu; (iv) m’għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-appellant; u (v) ma forniex jew issupplixxa madum jew irħam lill-appellant.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

6. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkunsidra:*

*Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti Matthew Abela spjega is-segwenti:*

- *Illi huwa qed jitlob rifużjoni tas-somma ta' €2,900 tal-irħam mixtri minħabba li l-materjal ma kienx ta' kwalità tajba; talli ma kienx ta' kulur uniformi; talli kien difettuż; talli ma ġiex supplit kollu u li x-xogħol ta' tqegħid mill-intimat Matthew Mangion (imqabbad mill-intimat l-ieħor Victor Galea) ma sarx skont is-sengħa u l-arti;*

*Illi fir-Risposta, l-intimat Victor Galea ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:*

- *Illi l-intimat ma kienx il-leġittimu kontradittur fl-azzjoni kif proposta għax l-ilment kien fuq it-tqegħid tal-materjal u li l-istess Victor Galea ma jimpjegax lill-intimat l-ieħor Matthew Mangion;*
- *Illi l-intimat sostna li l-materjal ma kienx milqut minn difetti;*

*Illi fir-Risposta, l-intimat Matthew Mangion ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:*

- *Illi huwa sostna li x-xogħol magħmul minnu sar skont is-sengħa u l-arti u li ma hemm ebda difett f'xogħlu;*
- *Illi l-intimat sostna li lanqas biss tħallas ta' xogħlu u li l-kawża hi skuża biex ir-rikorrent ma jħallasx;*
- *Illi l-intimat tenna li m'għandux relazzjoni mar-rikorrent Matthew Abela u li ma kienx hu li ssuplixxa l-madum;*

*Illi fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni tal-intimat, it-Tribunal jara li jkun għaqli li din tkun indirizzata qabel ikun indirizzat il-mertu.*

1. *<u>L-eċċezzjoni li l-intimat mhux il-leġittimu kontradditur</u>*

*Illi l-intimat Victor Galea naqas li jispjega fir-Risposta għaliex ma jħossx li huwa leġittimu kontradittur u naqas ukoll li jispjega min, jekk mhux hu, huwa leġittimu kontradittur. Qal biss li l-ilment huwa fuq it-tqegħid/twaħħil tal-materjal. Ħarsa lejn it-talba turi li din hi biss ilment wieħed. Inoltre, l-intimat qatt ma talab li xi persuna oħra tkun kjamata fil-kawża sabiex twieġeb għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti sabiex b'hekk isaħħaħ it-teżi tiegħu li huwa ma kienx leġittimu kontradittur.*

*Illi r-rikorrent Abela jikkonferma fl-*affidavit *tiegħu li lil Matthew Mangion qabdu Victor Galea u mhux hu. Dan juri ċar li kien l-intimat Victor Galea li kellu r-relazzjoni prinċipali mar-rikorrenti u li għalhekk, il-ħaddiem Matthew Mangion tqabbad mill-intimat Victor Galea li hu direttament ftiehem il-ħlas għat-tqegħid.*

*Illi fil-kawża "Focal Maritime Services Company Limited vs. Top Hat Company Limited", deċiża fid-9 t'April 2009, il-Qorti tal-Appell qalet (sottolinear miżjud mit-Tribunal):*

> "In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, *ope successionis* jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-kreazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika."

*Illi fil-kawża "**Dr Michael Psaila noe vs Joseph Pace**", deċiża fit-3 t'Ottubru, 2008, il-Prim'Awla qalet:*

> "Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."

*Illi għall-iskop ta' din l-azzjoni, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-provi prodotti, partikolarment il-provi mressqa mir-rikorrent u mill-intimat Matthew Mangion, juru relazzjoni ġuridika ċara bejn Matthew Abela u Victor Galea.*

*Illi għalhekk, it-Tribunal jiċħad l-eċċezzjoni li l-intimat Victor Galea mhux il-leġittimu kontradittur.*

2. *Il-mertu*

*Illi l-mertu tal-azzjoni jikkonsisti fl-ilment tar-rikorrenti li x-xogħol ma sarx skont l-arti u sengħa u d-difiża tal-intimat Matthew Mangion li rrisponda li x-xogħol sar skont l-arti u sengħa u inoltre, sar mingħajr ma għadu tħallas.*

*Illi t-Tribunal josserva li kieku l-intimat aġixxa waħdu u mingħajr ma qabbad ħaddiema oħrajn biex jgħinuh, kien ikun iktar faċli li t-teżi tal-intimat li ma talab ebda flus titwemmen. Iżda fir-realtà, id-domanda li tiġi f'moħħ t-Tribunal f'dan ir-rigward hija kif l-intimat kien ser iħallas lill-ħaddiema l-oħrajn jekk hu ma kienx ser jitħallas.*

*Illi a skans ta' repetizzjoni, dan it-Tribunal jagħmel riferenza għar-rapport tal-espert il-perit Arkitett Richard Aquilina imqabbad mit-Tribunal.*

*Illi fid-deċiżjoni mogħtija fid-19 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet "**<u>Calleja vs Mifsud</u>**" il-Qorti tal-Appell argumentat li :*

"...Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skont il-liġi prova ta' fatt li kellhom bħala tali jiġu meqjusa mill-Qorti.

Il-Qorti ma kinitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra.

Mill-banda l-oħra però, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika tal-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova...";

*Illi jiġi sottolineat li dan it-Tribunal, kif obbligat li jagħmel, għarbel minn lenti kritika r-rapport tal-espert però ma ra ebda lok li jiskartah anzi jagħmlu tiegħu* in toto*.*

*Illi dan it-Tribunal qed jagħmel tiegħu il-konklużjonijiet tal-espert u r-rakkomandazzjonijiet li għamel fl-istess rapport.*

*Illi minn dan kollu, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talbiet tar-rikorrenti jimmeritaw li jiġu milqugħa* in parte *u dan skont dak konkluż mill-espert il-Perit Arkitett Richard Aquilina."*

## <u>L-Appell</u>

7. L-appellanti ppreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fid-29 ta' Jannar, 2021, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar id-deċiżjoni appellata, tilqa' t-talbiet tiegħu u b'hekk tikkundanna lill-appellati sabiex solidament bejniethom jew min minnhom iħallsu lilu s-somma pretiża ta' €2,900 li tirrappreżenta l-flus li tħallsu fin-negozju li sar bejniethom, bl-ispejjeż kollha kontrihom. L-aggravji tiegħu huma diversi iżda prinċipalment jidher li qed jikkontendi li l-konklużjonijiet tat-Tribunal ma qablux għalkollox mar-rapport tal-Perit Tekniku Ġudizzjarju, u għalhekk it-Tribunal kien dovut iħassar in-negozju.

**Ir-Risposti tal-Appell**

8. L-appellat Galea wieġeb kemm f'ismu proprju u kemm ukoll f'isem *Tiles and Marble Centre* permezz ta' risposta intavolata fis-17 ta' Frar, 2021 fejn issottometta li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u għalhekk timmerita konferma, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.

9. L-appellat Matthew Mangion wieġeb fil-11 ta' Marzu, 2021 fejn huwa wkoll jissottometti li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, flimkien mas-sottomissjonijiet tal-appellati, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

11. L-appellant jiftaħ is-sottomissjonijiet tiegħu billi jgħid li huwa jħossu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex kien jidher ċar li t-Tribunal kien straħ għalkollox fuq ir-rapport tal-Perit Tekniku Ġudizzjarju Richard Aquilina, b'dana li l-konklużjonijiet tiegħu ma jaqblux għalkollox ma' dak ir-rapport. Isostni li fejn il-Perit Tekniku Ġudizzjarju u t-Tribunal ikkonkludew li partijiet mix-xogħlijiet għandhom jinbiddlu mill-appellat Galea, it-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-argument jekk il-madum li ġie ordnat li jinbidel, huwiex ser jaqbel mal-kumplament tat-taraġ li mhux ser jintmess. L-appellant jgħid li t-Tribunal

naqas ukoll milli jikkonsidra li huwa kien ħallas għal madum li ma kienx ġie kkonsenjat. Qal ukoll li t-Tribunal żbalja n-natura legali tal-azzjoni odjerna meta ddeċieda li ma jaċċettax it-talba ta' kumpens għal materjal ħażin, għaliex it-talba tiegħu kienet fil-fatt għal rifużjoni tal-prezz. Imbagħad fir-rapport tiegħu l-Perit Tekniku Ġudizzjatju fl-ebda ħin ma ħareġ b'stima tax-xogħol ħażin u għalhekk it-Tribunal żbalja meta għamel dan huwa wkoll. Skont ir-riżultanzi, it-Tribunal kien dovut jordna t-tħassir tan-negozju minflok iraqqa l-pannu bil-qargħa aħmar.

12. L-appellat Galea jikkontendi li l-ewwel aggravju tal-appellant għandu jiġi miċħud għaliex it-Tribunal kien ekwu u ta deċiżjoni li kienet waħda raġonevoli. Jissottometti li r-rapport tal-Perit Tekniku Ġudizzjarju kkonferma li l-materjal kif supplit minnu kien tajjeb, u dan kuntrarjament għal dak li ġie allegat mill-appellant. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tal-appellant, l-appellat jirrileva li huwa kien ser jaġixxi b'mod professjonali u b'responsabbiltà meta kien ser iforni l-pjan tat-taraġ, u dan b'irħam ta' kwalità superjuri u mhux kif allegat mill-appellant. Dwar it-tielet aggravju, l-appellat jissottometti li l-appellant naqas milli jipprova dak allegat minnu, u fil-fatt il-materjal kien ġie kollu fornut. Rigward ir-raba' aggravju, l-appellat jirrileva li t-Tribunal kien aktar minn ġust meta ddeċieda kif iddeċieda t-talba tal-appellant b'mod parzjali, u dan għaliex il-kwalità tal-materjal kienet waħda tajba u kif patwita. Imbagħad dwar l-aħħar aggravju, l-appellat jissottometti li l-argument tal-appellant huwa wieħed fjakk u nieqes mis-sustanza legali.

13. L-appellat Mangion fir-risposta tiegħu jibda billi jsostni li t-Tribunal kien korrett meta ddeċieda li huwa ma kellu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-

appellant. Mangion jiċħad li kien għamel xogħol ħażin u għalhekk ma kienx qed jaqbel mar-rapport kollu mħejji mill-Perit Tekniku Ġudizzjarju. Jirrileva li f'dak ir-rapport il-Perit Tekniku Ġudizzjarju ma kienx wasal għall-konklużjoni li x-xogħol kien sar ħażin, u għalhekk it-Tribunal sewwa wasal għall-konklużjoni ta' dik iċ-ċifra li kellha titħallas fejn il-Perit Tekniku Ġudizzjarju kien qal li parti biss mix-xogħol kien "itaptap". Jirrileva li huwa ma kienx tħallas għax-xogħol tiegħu, u dan wara li kienu għaddew saħansitra erba' snin. It-Tribunal, kuntrarjament għal dak li qal l-appellant, iddikjara li l-ħlas kien wieħed *ex aequo et bono,* prinċipju sew stabbilit mill-qrati u tribunali tagħna, tant li jiġi bosta drabi applikat f'każijiet simili.

14. Il-Qorti tibda billi tagħmel riferiment għas-subartikolu 21(1) tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta:

> "21.(1) Tribunal jaqta' l-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talba preżentati quddiemu skont kull meritu u ġustizzja sostantiva tal-każ, u skont l-ekwità"

15. Tirrileva li d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu appena ċitat jagħtu lit-Tribunal id-diskrezzjoni li jaqta' u jiddeċiedi l-każ quddiemu skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva li jkun jistħoqqlu, u anki skont l-ekwità. Huwa minnu li t-talba tal-appellant kienet għal rifużjoni tas-somma ta' €2,900, imma t-Tribunal għaraf li l-kwistjoni setgħet tiġi riżolta b'mod aktar ġust għaż-żewġ partijiet, billi tilqa' s-suġġerimenti tal-Perit Tekniku Ġudizzjarju u tiffissa somma *ex aequo et bono* li għandha titħallas mill-appellat Mangion fir-rigward tax-xogħol rimedjali li għandu jsir fejn it-tqegħid ma sarx skont is-sengħa u l-arti.

Għalhekk ir-raba', il-ħames u s-sitt aggravji tal-appellant ma jistgħux jirnexxu u l-Qorti filwaqt li ma ssibhomx ġustifikati, tiċħadhom.

16. L-appellant fl-ewwel aggravju tiegħu jilmenta li l-konklużjonijiet li wasal għalihom it-Tribunal ma jaqblux għalkollox mar-rapport tekniku, iżda jonqos milli jispjega ulterjorment fejn it-Tribunal ma qabilx ma' dan ir-rapport. Filwaqt li l-Qorti mhijiex qiegħda tagħraf fejn seħħew id-diverġenzi allegati, tosserva li t-Tribunal għall-kuntrarju għamilha ċara fid-deċiżjoni appellata li huwa kien qed jagħmel tiegħu kemm ir-rakkomandazzjonijiet, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku Ġudizzjarju, u fid-*Decide* saħansitra jiċċita mir-rapport dak li kellu jitwettaq mill-appellat Galea. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant mhux wieħed ġustifikat u l-Qorti tiċħdu.

17. Imbagħad l-appellant jgħaddi għat-tieni aggravju tiegħu li għalkemm mhux daqstant ċar, din il-Qorti tifhem li huwa dwar in-nuqqas tal-Perit Tekniku Ġudizzjarju u tat-Tribunal li jikkonsidraw li l-partijiet li għandhom jinbiddlu issa wara erba' snin li tqiegħdu, mhumiex ser jaqblu mal-kumplament tat-taraġ li mhux ser jinbidel. Il-Qorti tgħid li sal-lum dak li qed jikkontendi l-appellant jista' biss jittieħed bħala konġettura għaliex wieħed irid jara qabel ma jasal għal din il-konklużjoni gratwita tiegħu. B'hekk dan l-aggravju tiegħu mhux ġustifikat u tiċħdu.

18. Dwar it-tielet aggravju tal-appellant, il-Qorti tagħraf li dak li spjega l-appellat Galea fl-*affidavit*[1] u fix-xhieda tiegħu[2], għandu jittieħed bħala raġonat

[1] *A fol.* 26.
[2] *A fol.* 30.

u l-appellant min-naħa tiegħu bl-ebda mod ma kkontradixxa l-ispjegazzjoni tal-appellat Galea u naqas li juri li l-imsemmi appellat Galea kien qed jirrifjuta li jikkonsenja l-kumplament tax-xogħol. Għaldaqstant dan l-aggravju tal-appellant mhux wieħed ġustifikat u l-Qorti qiegħda tiċħdu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi u dawk ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-istess appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**